**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Numru: 230 / 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maximilian Ciantar**

Illum, 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Maximilian Ciantar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 75690 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'diversi granet u f'diversi hinijiet matul il-perjodu li jkopri bejn it-08 u 28 ta' Jannar, 2016, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Probation Officer Mary Rose Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed Pagna 2 minn 14 jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz,

jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur talArtikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontrih, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-Probation Officer Mary Rose Farrugia, u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf lid an kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U fl-ahharnett talli fil-perjodu msemmi kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-28 ta' Jannar, 2016 (Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D.) liema sentneza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, tiqs lill-imputat bhala li sar recediv ai termini talArtikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Mary Rose Farrugia, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-isop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond lArtikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghassigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Aritkoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mit-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u ma sabithux hati taghhom, u wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) akkuza ikkundannatu ghal perjodu ta' tletin (30) gurnata detenzjoni u ghal multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1500). Ordnat l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat, fejn il-persuna protetta hija dik ta' Mary Rose Farrugia, liema ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' hames (5) snin mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maximilian Ciantar minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha għall-kumplament u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.**

L-Ewwel Onorabbli Qorti aċċettat il-pożizzjoni legali li llum kwalunkwe ħaġa li taqa' taħt il-liġi tal-istampa magħrufa bħala Media and Defamation Act Kap. 579 tal-

Liġijiet ta' Malta li ġab ir-reati li jkunu permezz tal-kitba li jinkludi wkoll Facebook u social media oħra kif ukoll kwalunkwe ħaġa li jaqa' fid-definizzjoni ta' stampat u kull forma għat-tixrid ta' idejat, informazzjoni u opinjonijiet lill-pubbliku in ġenerali jew inkella ta' parti żgħira mill-pubbliku li tkun taħt xi kontroll ta' persuna. Facebook huwa tali forma ta' pubblikazzjoni.

Jekk wieħed jara l-Artiklu 95 tal-Kap.9 jsib illi l-*actus reus* ta' dan ir-reat huwa l-istess bħalma huma t-tlett reati li jissemmew tal-inġurja, tat-theddid u tal-feriti fuq il-persuna.

M'hemm xejn sa dan il-punt x'jiddistingwih minn reati oħrajn, iġifieri l-*actus reus* jibqa' l-istess.

Id-differenza hija biss li minħabba li l-persuna *"danneġġjata"* jkun uffiċċjal pubbliku dan ikun aggravanti ta' dawk ir-reati imsemmija, tant hu hekk li dawn jikkostitwixxu kif tgħid il-liġi stess, ikunu suġġetti għall-piena ta' kontravenzjonijiet miżjuda b'żewġ gradi u b'referenza għal kull reat.

Issa la l-inġurja bil-kitba u anke din taqa' taħt pubblikazzjoni, taqa' taħt il-liġi tal-Media and Defamation Act. Allura meta l-liġi ħassret ir-reati ta' din in-natura, dawk ma jistgħu qatt aktar jitqiesu bħala reati kriminali.

Qed issir referenza għall-kawża tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem **Scoppola Number 2 vs Italy** fejn dan il-punt ġie ribadit u anke intuza mill-ġurisprudenza lokali.

Il-ġuriżprudenza l-aktar antika nbniet kif kienu ż-żmienijiet illi l-ġudikanti l-aktar jafu u jaqraw bit-Taljan fuq il-kodiċi Taljan. L-*oltraggio al pubblico ufficiale* huwa reat assolutament differenti anke dak iż-żmien minn reat kif inhu miktub fil-leġiżlazzjoni tagħna.

L-**Artiklu 341 tal-Kodiċi Penali Taljan** kien ġie abrogat u nbidel fl-1999 u llum huwa sempliċiment l-inġurji li jsiru lill-uffiċċjal pubbliku quddiem diversi persuni. Jiġifieri meta jkun hemm sfida għall-awtorita` ta' dak l-uffiċċjali pubbliku.

Ir-reat taħt il-liġi tagħna huwa kompletament differenti għaliex biżżejjed wieħed jaqra l-artiklu kif inhu miktub. Il-verżjoni fit-test Malti hija illi ir-reat ta' inġurja, ta' theddid u tal-offiża jkunu miżjuda b'żewġ gradi u għall-multa ta' mhux anqas minn €800 u mhux iżjed minn ħamest'elef (€5000) Dan ifisser li wieħed irid imur jara x'piena hemm għall-inġurja, għat-theddid u għall-offiża.

F'dan il-kas irridu nibqgħu għall-inġurja. L-inġurja hija bil-miktub u l-qorti sa ċertu punt kienet għadha fuq il-binarju tajjeb li qalet li bl-ATT IX tal-2018 ġiet dekriminalizzata l-inġurja li tkun permezz tal-platform elettroniku.

Jekk il-piena għal tali reat saret żero, jekk jiżdiedu żewġ gradi xorta tibqa' żewġ żeri. Mela l-ewwel wieħed irid jara hemmx l-inġurja, ħaġa li hija kontestata, it-tieni jekk dik l-inġurja hemmx piena għaliha. Jekk m'hemmx piena għaliha allura mhijiex applikabbli l-ebda piena b'żieda ta' gradi.

Jekk giet depenalizzata allura ma hemmx izjed reat ta' ingurja fuq pjattaforma elettronika imma hemm dritt biss ghad-danni civili f'kawza ta' libell.

Din il-posizzjoni giet ampjament trattata fil-kawza **Il-Pulizija v Joseph Zammit** deciza mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja fil-5 ta' Novembru,2018[1]
Peress li l-avukat sottoskritt ma sabhiex fuq l-internet qed jirriproduci l-parti rilevanti.

> "Illi b'riferenza għat-tieni imputazzjoni, l-Avukat Difensur eċċepixxa l-*abolitio criminis* u dan wara li bl-Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018 ir-reat de quo kien ġie abolit u sostitwit bir-rimedju ċivili. Illi in kwantu t-tieni imputazzjoni hija dik ta' inġurja kontestata taħt l-Artikolu 252 (1) (2) (3) tal-Kodiċi Kriminali, id-Difiża għandha raġun. Bis-saħħa tal-Artikolu 25 (e) tal-Att XI tal-2018, l-Artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali ġie abrogat.

Din il-Qorti rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Cassano** tat-28 ta' Settembru 2017 fejn ġie mistqarr u deċiż is-segwenti : -

> Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97 (f) (i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza.

[1] Dan kellu jinqara 15 ta' Novembru 2018

Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant. 1 (Scoppola vs Italy App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber) "*

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal **<u>O calan v. Turkey</u>** deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

> *"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.2 (Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia)"*

Sahansitra il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

> *''In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*
> *It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra- attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence. 3 (Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.)''*

*B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-roceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Dan ghaliex il-ligijiet u r-regolamenti sanitarji gew imfassla f' ligi gdida permezz ta'l-imsemmi avviz legali li biddel b'mod drastiku il-ligi sanitarja u dan sabiex jigu implimenatati d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward biex b'hekk gew fis-sehh ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment ta' l-Energija fl-Uzu tal-Bini.*

*Illi din il-Qorti tikkondividi l-posizzjoni meħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk sejra tipproċedi bl-istess modus operandi fis-sens li sejra tastjeni milli tieħi konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni."*

Biżżejjed li wieħed jiġbed l-attenzjoni għall-każijiet iktar reklatanti ta' inġurji u malafama mogħtija fuq blogs illi kien hemm għaddejja azzjoni kriminali kontra uffiċċjali pubbliċi bħalma huma ministru u prim ministru u li kienu pendenti quddiem dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Francesco Depasquale u kif għaddiet il-liġi peress li dawn saru biss prosegwibbli għall-kwerela de parti fil-qorti ċivili, l-istess reati waqgħu tneħħew u ma kienx hemm iktar prosegwiment kriminali fuqhom. Barra minn dan kien hemm każijiet oħrajn.

Jekk din kienet tapplika għal dak il-kas m'hemmx raġuni għala m'għandhiex tapplika għal dan il-kaz.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant qed jintavola appell mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' dak li jikkoncerna l-ewwel akkuza fejn gie kkundannat piena ta' 30 jum detenzjoni u ghal multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Jigi rilevat li l-ewwel akkuza tikkoncerna r-reat ta'oltragg u cioe li l-appellant hedded jew ghamel offiza fuq il-Probation Officer Mary Rose Farrugia persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li

tbezzaghhha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant fir-rikors tieghu jikkontendi li din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex issib lill-appellant hati u dan ghaliex issostni li l-ingurja li setghet saret f'dan il-kaz tammonta ghall-pubblikazzjoni u b'hekk tali ghemil jaqa' taht il-ligi tal-Media and Defamation Act u stante li l-ligi hasret ir-reat ta' din in-natura dak l-agir anke jekk jirrizulta li ma jistax jitqies bhala reat kriminali. Dwar dan, din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex l-elementi ta' dan ir-reat huma differenti mill-elementi li kienu rikjesti ghall-ezistenza tal-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie abbolit. Ir-reat in desamina mhu xejn hlief ir-reat ta' oltragg u ghalhekk din il-Qorti trid tezamina x-xhieda prodotta sabiex tara jekk in effetti verament l-appellant ingurja jew hedded ufficcjal pubbliku u cioe il-Probation Officer Maryrose Farrugia.

Illi l-**Artikolu 95** jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew:-

(1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku

(2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku

(3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid hekk:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar****, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u maddaqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk ilprosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex*

*titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak li stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jekk l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku issir bil-kitba, dan l-agir ukoll jinkwadra ruhu fir-reat ta' oltragg u mhux fir-reat ta' defamazzjoni kif kien provdut fl-artikolu 252 tal-Lap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li llum jinsab abbolit.

Din il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawk il-provi li gew imressqa mill-partijiet sabiex tara jekk in effetti l-ewwel reat giex provat jew le fil-konfront tal-appellant odjern.

**PC 944 Godwin Caruana** xehed permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 4 tal-process. Dan stqarr li nhar it-2 ta' April 2016 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Robert Vella huwa flimkien ma PS 1243 Gorg Pullicino gew moghtija struzzjonijiet biex imorru fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex ikelmu lill-appellant. Dakinhar l-appellant kien jinsab taht arrest preventiv gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk huwa flimkien ma PS 1243 marrru jkelmu lill-appellant u tawh id-drittijiet tieghu skond il-ligi.

Mistoqsi jekk ghandux Probation Officer wiegeb li iva kellu ufficcjal tal-Probation izda issa kull ma ghandu hi ordni tal-Qorti biex jigi segwit minn ufficcjal li ghandu jghamel rapport fuqu. L-ufficcjal tal-Probation tieghu hi Mary Rose Farrugia u din kienet idenunzjatu biex tipprova titfghu l-habs. Jghid li problemi maghha qatt ma kellu. L-ahhar li kellu kuntatt maghha kien f'Marzu 2017. Mistoqsi jekk ghandux facebook iwiegeb fl-affermattiv u jghid "Iva ghandi facebook. Mhux ovvja." Wara li

gie muri kopji ta' posts huwa wiegeb "Dawn il-posts tal-Facebook li ghandu ippowstjhom hu minn fuq il-mowbajl tieghu ghax kien irrabjat ghax kif wasal l-ahhar tal-Probation iddenunzjatu. Huwa ried iwassal il-messagg biex juriha li kien irrabjat u mhux ghax kellu f'mohhu li jghamlilha xi haga. Zied jghid ukoll li sa certu punt huwa ma kisirx il-ligi ghax fuq il-Facebook tieghu jista jikteb li jrid ghax hu mhux *friend* maghha u biex rat il-posts, bdiet tispija fuqu.

L-**Ispettur Robert Vella** xehed nhar is-27 ta' April, 2017 (fol. 56) u spjega li fi Frar 2016 kien gie avvicinat mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia li dak iz-zmien kienet il-Probation officer tal-akkuzat appellant. Ftit ta' zmien qabel ma inghata sentenza mill-Qorti kienet ipprezentat denunzja fil-konfront tal-akkuzat peress li ma kienx qed jaderixxxi mal-kundizzjonijiet li kienet qed timponilu u d-denunzja kienet giet appuntata quddiem l-allura Magistrat Dr Francesco Depasquale biex hija taghti spjega tan-nuqqasijiet tal-akkuzat. Din id-denunzja nstemghet fit-28 ta' Jannar 2016. Bhala rizultat l-akkuzat kien instab hati tal-ksur tal-Probation u inghata sentenza ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghall-erba' snin. Huwa esebixxa din is-sentenza li giet markata bhala dok RV.

Eventwalment kien gie avvicinat mill-Probation Officer fejn din spjegatlu li kienu gew f'idejha numru ta' posts fuq Facebook li allegatament kien ghamel l-akkuzat fil-konfront taghha. Qalet li ma kienitx taf bihom pero kien hemm xi hadd li gibdilha l-attenzjoni dwarhom. Huwa esebixxa dawn il-posts li gew markati bhala dok RV1. Qal li l-probation officer insistiet mieghu sabiex jittiehdu passi fil-konfront tal-akkuzat. Huwa kellem lil PS 1243 George Pullicino fejn talbu jibda investigazzjoni dan kien baghat ghall-ufficcjal tal-Probation u wara li kellimha kien hejja rapport bil-miktub gewwa l-ghassa tal-pulizija r-Rabat. Hemmhek kien indika l-posts li

kienet ghaddietlu l-istess ufficcjal. Fuq struzzjonijiet tieghu dan PS 1243 mar ikellem lill-akkuzat gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. L-akkuzat irrinunzja li ikellem Avukat kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni firmata minnu markata bhala dok RV2.

Meta gie mistoqsi min kienet l-ufficjal tal-probation tieghu, ikkonferma li kienet Maryrose Farrugia u qa li kien hadha kontra taghha ghax kienet iddenunzjatu. Kien ikkonferma mieghu li kienu hu li ghamel dawn l-istess posts. Huwa esebixxa l-okkorenza li giet markata bhala dok RV3. Wara rega tkellem mal-ufficcjal tal-Probation u din baqghet tinsisti li ghandhom jittiehdu passi l-Qorti kontra l-akkuzat u fil-fatt hekk ghamel. Huwa esebixxa ukoll certifikat tat-twelid tal-akkuzat li gie markat bhala dok RV4. Fedina penali li giet markata bhala dok RV5 u tlett sentenzi li gew markati bhala dok RV6,7 u 8 rispettivament.

L-ispettur Elton Taliana xehed nhar is-27 ta' April 2017 u wara li ra s-entenza datata 24 ta' Ottubru 2011 moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali jghid li huwa kien l-ufficcjal investigattiv u prosekutur fiha. Gharaf lill-akkuzat odjern bhala l-istess persuna kontra min nghatat din is-sentenza.

**PS 1243 George Pullicino** xehed nhar is-27 ta' April 2017 u kkonferma li nhar it-2 ta' April 2016 kien gie moghti struzzjonijiet minghand l-Ispettur Robert Vella sabiex ikellem lill-akkuzat dwar ir-rapport li kient ghamlet l-ufficcjal tal-Probation Maryrose Farrugia. Huwa hejja l-okkorenza li qed jgharaf esebita fl-atti u markata bhala dok RV3 u jikkonferma l-intier tal-okkorenza. Huwa gharaf ukoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut markata bhala dok RV2.

L-**Ufficcjal tal-Probation Maryrose Farrugia** xehdet nhar is-27 ta' April 2017 u kkonfermat li tokkupa l-kariga ta' ufficcjal tal-Probation u pprezentat ir-rapport taghha l-ghassa tal-pulizija fil-kwalita taghha ta' din l-istess kariga. Tghid li kienet giet nominata bhala l-ufficcjal tal-Probation tal-akkuzat appellant li gharfet prezenti fl-awla quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u f'xi zmien meta kien taht din l-ordni l-akkuzat ma kienx qed igib ruhu sew u kien sejjer hazin hafna inkluz it-tehid ta' droga u ghalhekk waslet biex ghamlet denunzja fil-konfront tieghu.

Ftit wara giet mgharfa li l-kollegi taghha kienu raw xi posts fuq Facebook li jikkoncernaw lilha. Ghalhekk hija pprintjat dawn il-*messages* u infurmat lis-senior taghha fuq ix-xoghol kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment u marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulzija tal-Hamrun. Hija gharfet id-dokument RV1 bhala l-posts li kienu fuq l-Facebook page tal-akkuzat.

Illi nhar it-23 ta' Settembru 2019[2] l-akkuzat ipprezenta rikors fejn talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga u b'digriet taghha tal-23 ta' Gunju 2020[3]din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda relevanti ghal tali talba, laqghet it-talba rikorrenti u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Droga.

Il-Qorti rat in-nota mibghuta lilha mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga prezenta fl-atti nhar il-5 ta' Lulju 2022[4] fejn il-Qorti giet mgharfa li l-akkuzat appellant baqa' isegwi il-*care plan* b'mod posittiv pero stante li l-akkuzat

---

[2] Fol. 112 tal-process
[3] Fol. 161 tal-atti tal-process
[4] Fol. 185 tal-atti tal-process

ghandu kawzi ohra li se jkunu qeghdin riferuti quddiem il-Bord, il-Bord issugerixxa illi l-klijent jibqa' isegwi il-*care plan* u jibqa jmur il-Caritas. Il-Bord stqarr ukoll li huwa sodisfatt bil-progress ta' Rijabilitazzjoni tal-klijent u ghaldaqstant il-Bord kien qed jikkonsidra il-kaz bhala maghluq b'success.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u dan fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan hu appell li gie intavolat mill-akkuzat appellant u dan ghaliex kien instab hati mill-ewwel Qorti fuq l-ewwel akkuza u inghata piena ta' prigunerija effettiva apparti l-hlas ta' multa. L-Avukat Generali ma ntavola l-ebda appell u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta biss il-kundanna ta' htija li tirrigwarda l-ewwel akkuza u cioe dik ta' oltragg.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa

ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

Il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person." 84

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non*

*indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*[5]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri,** inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar****, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li*

[5] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti

*jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

Illi minn ezami tal-messaggi esebit fl-atti a fol.8 et seq jirrizulta li l-akkuzat verament ingurja l-ufficcjal tal-Probation bil-kitba tieghu bizzejjed isir referenza ghal messagg li jinsab a fol 8 fejn intqal is-segwenti:-

*"Ara vera qeghdin kif Alla iridna f'dal-pajjiz ta' Mickey Mouse. Ax tkun waslet bix tiskadi il-Probation trid titfani il-habs b'sahha ha ha dik ajnuna ee li noqodu najtu biha jew ax ikollom naqa awtorita namlu li iridu tabbuza mill-potr qeda ja sahhara alkemm tad li qatt ma bzajt mill-hbs xorta mux raguni"*

U

*" A new count down has been set in motion..haha xbiza.*
*Fear nothing and no one especially you my der P.O. There is nothing you can do to me that I haven't neen through already and much worse so fuck you very much and I wish I could say suck my d… but you ugly as f… I got standards ha ha…Being behind bars doesn't scare me at all what scars me is I have to spend th rest of my life with a faced bitch like you."*

Illi minkejja li l-akkzuat ma jsemmix lill-ufficcjal tal-Probation b'isimha meta gie mitkellem minn PS 1423 Polidano u mistoqsi jekk kellux Probation officer dan

wiegeb li kellu lil Maryrose Farrugia u in oltre zied jghid minkejja li nghata d-dritt tieghu li jkun assistit minn Avukat li "din iddenunzjatu biex tipprova titfghu il-habs". Muri l-posts li hemm esebiti fl-atti jghid li kien hu li postjhom mill-facebook tieghu minn fuq il-mowbajl tieghu. Jghid li baghat dawk il-posts ghax vera kien irrabjat u dan ghaliex kif wasal fl-ahhar tal-probation din idenunzjatu. Jghid li huwa ried iwassal messagg biex juriha li huwa irrabjat u mhux ghax kellu f'mohhu li jghamlilha xi haga." Izid jghid li hu ma kiser l-ebda ligi ghaliex fuq il-Facebook tieghu jikteb li irid. Jghid li ma hux 'friends' maghha u ghalhekk biex rathom kienet qed tispija fuqu.

Ghalhekk ma hemmx kwistjoni li dak li qal lil PS 1423 jikkostitwixxi prova res gestaw u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-posts in desamina inkitbu mill-akkuzat appellant.

L-avukat difensur jghid li tali kitba m ghandhiex tigi meqjusa ai fini ta' dan l-artikolu u dan ghaliex ghandha tigi trattata taht il-Media and Defamation Act u dan ghaliex tali Att hassar l-artikolu tal-ligi (u appuntu l-artikolu 252) li jikkoncerna l-ingurja. Ma jirrizulta min imkien pero li dan l-Att ikkancella jew hassar l-artikolu 95 li jikkoncerna r-reat ta' oltragg u mhux dak ta' ingurja. Ghalhekk fir-reat ta' oltragg irid ikun hemm l-ingurja diretta lejn persuna li tokkupa l-kariga ta' ufficcjal pubbliku u li jkun ingurjaha waqt il-qadi ta' dmirijietha jew bhala konsegwenza ta' tali servizz. Jigifieri l-elementi ta' dan ir-reat ma humiex l-istess kif kienu l-elementi tar-reat ta' ngurja li gie imhassar bl-Att XI tas-sena 2018. Ma hemmx dubju li fil-kaz odjern l-ingurja kienet diretta lejn ufficcjal pubbliku u cioe Probation Officer u dan waqt li kient qed tokkupa tali funzjoni u dan minhabba s-servizz rez minnha u cioe l-fatt li hija pprezentat denunzja fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk din ma hiex kwistjoni kif donnu ried ifisser l-avukat difensur tal-appellant fejn hemm l-abolito criminis ghax f'dan il-kaz ir-reat ta' oltragg qatt ma gie abolit. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak deciz mill-ewwel Qorti fir-rigward tas-sejba ta' htija ta' din l-ewwel akkuza.

Dwar il-piena pero din il-qorti rat li l-piena moghtija tirrijentra fil-parametri tal-ligi u inghatat f'cirkostanzi fejn l-akkuzat appellant kien ghadu ma marx quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni fejn l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiem konferma li l-akkuzat appellant kien fil-fatt beda t-triq it-tajba u cioe li kien qed isegwi care plan u kien qed jattendi l-Caritas.

Ghalhekk taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li tikkonferma is-sentenza fil-mertu taghha fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza izda tirriforma l-piena moghtija. Stante dak deciz mill-Bord il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lil-appellant taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu massimu permess mill-ligi u cioe tlett snin taht numru ta' kundizzjonijiet kif imsemmija fid-digriet anness ma din is-sentenza u dan ai terminu tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bil-ghan li l-appellant ikompli isegwi u jsahhah il-progress gja mibdi quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**
Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appelli Kriminali**
**Imhallef**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D Ph.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**Vs**
**MAXIMILLIAN CIANTAR**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

Seduta tallum 29 ta' Settembru 2022

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **MAXIMILLIAN CIANTAR** ta' tnejn w tlettin sena (32) bin Emanuel u Diane nee Borg , imwieled Pieta nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 1990 u **residenti 43 Triq is Sebh, Marsa**, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru **75690M** tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' **tlett (3) snin mill-lum**.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqiegħed taħt ordni ta’ probation għal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum taħt dawn il-ħtigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata għandha ġġib ruħha tajjeb, tgħaddi ħajja ta' bżulija u toqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluż kull direttivi li l-Probation Officer jħoss li jkunu neċessarji sabiex ma tiffrekwentax ċertu postijiet u/jew ċerti nies;

2. Illi l-persuna mputata għandha tibqa żżomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jagħtiha minn żmien għal żmien u partikolarment hija għandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tirċievi żjarat tiegħu fid-dar tagħha;

3. Illi l-persuna mputata għandha minnufih tgħarraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xogħol tagħha;

4. Illi l-persuna mputata għandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgħa xhur fid-data w il-ħin li jiġu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imġieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tkompli isegwi programm ta’ riħabilitazzjoni kontra l-abbuż mid-droga.

6. Illi l-persuna imputata ghandha tati kamojun tal-awrina taghha darba fil-gimgha u f'kaz li jkun hemm rizultat wiehed posittiv ghandu jitqies li l-pProbationer kiser l-Ordni tal-Probation

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services. **Tghati ir rakomandazzjoni taghha li f'dan il-kaz ghandu jigi evitat li jkun hemm l-ufficcjal tal-Probation Maryrose Farrugia li tigi appuntata**

……………………………..
……………………………..

Consuelo Scerri Herrera LL D
Imhallef